MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 003

It-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2019

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Farrugia (JF) | Sindku |
| Is-Sur Scott Camilleri (SC) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alex Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Doriana Portelli (DP) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Maria Mifsud ( MM) | Kunsillier |
| Is-Sur Carlo Stivala ( CS) | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (3)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Is-Sur Duncan Hall – Deputat Segretarju Ezekuttiv

Is-Sur Joseph Farrugia, Sindku,  ppresjeda

Minuti

## 2.1 Qari ta' ittri ta' apologiji;

2.1.1 Ma kienx hemm.

## 3.2 Kunsiderazzjonu u approvazzjoni tal-Minuti;

3.2.1 Il-Minuti tas-seduta numru 2 tat-tmien legislatura kienu gew imqassma lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

3.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Carlo Stivala ssekondata mis-Sur Joseph Baldacchino, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

3.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 3.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku;

3.3.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

3.4.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.5 Rapporti;

3.5.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

3.6.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.7 Mozzjonijiet

3.7.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.8 Traffiku u Parkegg

3.8.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.9 Applikazzjonijiet ghal zvilupp

3.9.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.10 Street Lighting

3.10.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.11 Attivitajiet

3.11.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.12 Offerti Pubblici u Kuntratti.

3.12.1 Din il-materja giet diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2)

## 3.13 Progetti u xogholijiet

3.13.1 Din il-materja bdiet tigi diskussa fl-ewwel parti tas-seduta (seduta numru 2).

3.13.2 Il-Kunsillier Stanley Zammit informa lill-Kunsill Lokali illi kienet giet sottomessa b'success applikazzjoni ghal xogholijiet fi Gnien l-Indipendenza. Is-Sur Zammit sahaq kif kien qieghed jiddiskuti ma' MCAST il-possibilita' ta' involvement ta' student fil-progett.

3.13.3 Is-Sur Joe Baldacchino semma xoghol ta' asfaltar fi Triq il-Gandoffla.

3.13.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali b'xoghol ta' konkos li ghalih kienu qieghdin jingabru stimi ghal konkos. Ix-xoghol kelli jsir fil-bajja s-sabiha bil-ghan illi jimtela' gandott li kien inholoq wara li tnehhew xi xtieli. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi kellha tingabar it-tielet stima ( kienu diga' ingabru 2) u jsir ix-xoghol.

3.13.5 Is-Sindku pogga fuq il-mejda stima minghand kuntrattur ghal qtugh ta' sigar fil-pjazza tal-knisja parrokkjali. Is-Sur Farrugia sahaq illi minhabba l-fatt illi x-xoghol kien mehtieg b'urgenza ma kienx hemm zmien illi jingabru tliet kwotazzjonijiet. Ghaldaqstant huwa ppropona illi jigi ordnat ix-xoghol minghand il-kuntrattur li pprovda l-istima li kienet tammonta ghal mitejn u hamsin ewro (VAT eskluz) ghal kull sigra.

3.13.6 Is-Sur Joseph Baldacchino informa lill-Kunsill Lokali illi wara pressjoni mill-Kunsill Lokali kienet inghalqet hofra li kien hemm biswit l-istabbiliment Al Fresco.

3.13.7 Il-Kunsill Lokali gie infurmat b'ilment li kien wasal b'konnessjoni ma' blokok tal-konkos li kienu tpoggew f'Misrah is-Summit li allegatament kienu qieghdin jnehhu l-access ghal bajja s-sabiha. Wara li giet diskussa l-materja, kien hemm qbil illi l-blokok kienu gew impoggija b'tali mod illi jhallu access ghall-pedonali u persuni li jaghmlu uzu minn siggu bir-roti. Ghaldaqstant ma kienx il-kaz illi ma kienx hemm access ghall-bajja hekk kif allegat.

3.13.8 Il-Kunsilliera Josette Busuttil staqsiet lill-Kunsill Lokali dwar eventwali zviluppi b'konnessjoni ma' xoghol relatat ma' vertical gardens u sejha ghall-offerti li kienet inharget. Wara li d-Deputat Segretarju Ezekuttiv informal ill-Kunsill Lokali illi kien ghad

hemm evalwaturi li kienu ghadhom iridu jaghmlu xogholhom, kien hemm qbil illi kellha ssir pressjoni sabiex l-evalwazzjoni ssir fl-iqsar zmien possibbli bil-ghan illi jkun jista' jitkompla x-xoghol.

3.13.9 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kellu laqgha ma' rapprezentanti ta' projects plus rigward progett ta' rigenerazzjoni li kien qieghed jigi propost fil-lokalita' u li b'konnessjoni mieghu kien hemm diskussjoni dwar immaniggjar tat-traffiku fi Triq San Patrizju u Triq San Filippu. Is-Sur Farrugia sahaq illi wara li kien iddiskuta ma' Projects Plus kien intlehaq qbil illi fiz-zewg toroq imsemmija ma jsirux modifiki tali li t-traffiku jinstaq f'direzzjoni wahda. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi fic-cirkostanzi, l-proposta kienet l-ahjar li setghet tittiehed.

**3.14 Mili ta' postijiet vakanti**

3.14.1 Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi kien ghaddej il-process sabiex il-Kunsill Lokali jingaggja skrivana gdida. Is-Sur Farrugia informal ill-Kunsill Lokali illi kienet giet konkluza il-fazi li permezz taghha setghu japplikaw dawk li kienu qieghdin jirregistraw ghax-xoghol ma jobsplus bhala part 1 u part 2. Peress li ma kienx hemm applikanti maghzula kienet infethet l-applikazzjoni ghal dawk li kienu qieghdin jirregistraw ghax-xoghol bhala part 3. Wara diskussjoni libera, u minhabba l-fatt illi kien hemm bdil fil-formazzjoni tal-Kunsill Lokali gie deciz illi kellu jkun hemm bidla fil-bord tal-intervisti. Gie deciz illi l-bord kellu jkun compost mis-Sinjuri Joseph Farrugia, Joseph Baldacchino, Josette Busuttil, Stanley Zammit u Alex Caruana bis-segretarju Ezekuttiv iservi ta' membru ex-ufficio.

3.14.2 Is-Sindku informal ill-Kunsill Lokali illi wara li kien gie ezawrit il-process u l-Kunsill Lokali ghazel il-kandidat, l-istess individwu kien informal ill-Kunsill Lokali illi minhabba ragunijiet ta' sahha kellu jirrifjuta l-impjieg. L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet ghamlet verifiki u kkonfermat illi l-individwu li kklassifika fit-tieni post kien sab impjieg alternattiv filwaqt li z-zewg individwi li kienu attendew ghal interview ma kienux gabu passmark. Ghal dan il-ghan, is-Sur Farrugia sahaq illi fic-cirkostanzi l-Kunsill Lokali ma kellux alternative hlief li terga tinhareg sejha gdida. Wara diskussjoni libera, filwaqt li kien hemm qbil illi kellha tinhareg sejha mill-gdid, gie deciz illi minhabba bidla fil-komposizzjoni tal-Kunsill Lokali kellu jinbidel il-bord li jaghmel l-intervisti bil-membri l-godda jkunu s-sinjuri Joseph Farrugia, Joseph Baldacchino, Stanley Zammit, Josette Busuttil u Svetlick Flores, bid-Deputat Segretarju Ezekuttiv iservi ta' membru ex-ufficio.

**3.15 Bus Shelters**

3.15.1 Is-Sur Alex Caruana qal illi l-Kunsill Lokali kien ircieva numru ta' ilmenti rigward zewg bus stops li kien hemm fi Triq San Patrizju. Fir-rigward, is-Sur Caruana sahaq illi minn meta l-istess zewg bus shelters kienu gew imcaqilqa minhabba periklu li kien hemm kien qieghed ikun hemm hafna ilmenti. Huwa zied jghid illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali jaqbel kellha ssir talba sabiex il-bus stops jergghu jitpoggew fis-sit originali fejn kienu joholqu inqas inkonvenjent. Min-naha tieghu kien diga' ghamel kuntatt mal-ministeru kkoncernat li kien lest li jidhol ghax-xogholijiet bil-ghan illi jitnehha periklu li kien hemm. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi

kellha ssir talba bil-ghan illi l-Bus stops jergghu jitressqu lura ghall-post originali taghhom.

**3.16 Festa 2019**

3.16.1 Is-Sur Stanley Zammit informal ill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu saru b'konnessjoni ma' traffic management, gwardjani lokali u gheluq ta' toroq ghal zmien il-festa.

3.16.2 Il-Kunsill Lokali qabel illi ghal granet identifikati precedenti ghas-seduta permezz ta' korrispondenza jinkrew mobile toilets ghall-perjodu tal-festa tar-rahal.

3.16.3 Is-Sinjuri Alex Caruana u Stanley Zammit infurmaw lill-kunsill Lokali bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru sabiex fil-granet tal-festa il-parkegg tal-iskola primarja jkun miftuh ghall-pubbliku

3.16.4 Wara diskussjoni libera kien hemm decizjoni illi l-Kunsill Lokali kellu hsieb li jinkera mini bus sabiex jigi offrut servizz ta' transport fil-lokalita' matul il-granet tal-festa.

3.16.5 Wara diskussjoni libera, gie deciz illi kellhom jinxtraw tmenin medalja bil-ghan illi jigi organizzat rally b'kollaborazzjoni mal-Arcipriet

**3.17 Hatra ta' Data Protection Officer**

3.17.1 Is-Sindku sahaq illi wara diskussjoni li kellu mas-Segretarju Ezekuttiv, kien qieghed jipproponi illi l-Kunsill Lokali jahtar b'effett immedjat Data Protection Officer. Is-Sur Joseph Baldacchino sahaq illi fl-opinjoni tieghu il-Kunsill Lokali kellu jilqa' r-rakkomandazzjoni tas-Sindku ghaliex kemm il-darba ma jkunx compliant il-Kunsill Lokali seta' jehel multi konsiderevoli. Wara diskussjoni libera, li matulha gie diskuss l-imsemmi servizz, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jikri s-servizz ta' Data Protection Officer minghand il-kumpanija Boom Consultancy ghall-prezz ta' Ewro 4500 (VAT eskluz)

**3.18 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

3.18.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-tlieta 6 ta' Awissu 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 6 ta' Awissu, 2019.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ________________ | ________________ |
| Joseph Farrugia | Duncan Hall |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |